# IL-Huttafa

Il-Magażin ta' Klabb Ħuttaf

Numru 13
Marzu April 1996

Stampat fuq karta riċiklata

BirdLife MALTA

**B'dil-ħarġa "Il-Ħuttafa" tidħol fit-tielet sena tagħha!**



paġ10

## Kun Berdwoċer



paġ3



Martin Meury

*Gremxula*

# editorjal

Ħbieb Ħuttaf,





Fl-antik il-bniedem ma kienx imxerred mad-dinja kollha kif inhu llum. Kien jgħix biss fl-Afrika. Imma biż-żmien infirex u tgħallem jgħix f'ambjenti ġodda.

Għall-ewwel kien jivvjaġġa fi gruppi żgħar ta' familji, u ma kienx iġorr ħafna mbarazz miegħu ħlief xi armi u ġlud. Imma biż-żmien beda jġorr ħafna affarijiet oħra li kien isib bżonnjużi. Fost dawn kien hemm l-annimali li tgħallem irabbi: klieb, ngħaġ, mogħoż, qtates, fniek eċċ.

Dawn l-artijiet il-ġodda spiss kienu jkunu ġodda mhux għall-bniedem biss, imma anke għall-annimali tiegħu. U bla ma jafu, in-nies daħħlu perikli kbar għall-annimali tal-post.

Per eżempju qabel ma n-nies waslu New Zealand, f'dik l-art kien hemm numru kbir ta' għasafar strambi. Strambi għax ma kinux jafu jtiru: il-kiwi huwa wieħed minnhom. Dawn l-għasafar draw ma jtirux għax f'arthom ma kienx hemm annimali li jistgħu jaqbduhom. Wasal il-bniedem, u miegħu ġab il-qtates (ħeqq, biex jaqbdulu l-ġrieden). X'taħsbu li ġara? Ħeqq, u intom kieku kontu qattus u taraw kiwi jippassiġġa quddiem għajnejkom x'kontu tagħmlu!!

U hekk ġara! Il-qtates ħarbtu u qerdu l-għasafar u ħafna annimali oħra ta' New Zealand. Illum ħafna minn dawn l-għasafar jew m'għadhomx jeżistu jew saru rari ħafna. Il-kiwi, l-għasfur nazzjonali ta' New Zealand, ma tarahx kif ġieb u laħaq!

Bħal dal-każ hemm elf każ ieħor ta' kif annimali, u anke pjanti, li n-nies ħadu f'artijiet oħra qerdu l-flora u l-fawna tal-post.

Ħbieb Ħuttaf, in-natura qisha jigsaw puzzle. Kull biċċa għandha l-post speċjali tagħha. Jekk tipprova ddaħħal biċċa f'post ieħor, se toħloq problemi lil ta' madwarha, u tispiċċa tħassar l-istampa kollha!

Victor Falzon
Editur






## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| Editorjal | paġ 2 |
| Aħbarijiet Lokali | paġ 3 |
| Mid-dinja | paġ 4 |
| Kompetizzjoni | paġ 4 |
| Nittrumbjaw fuq...id-Daqquqa | paġ 5 |
| Ittri | paġ 6 |
| Poeżija/Art Gallery | paġ 7 |
| Attività | paġ 8 |
| Naturalment | paġ 8 |
| Gruppi Lokali | paġ 9 |
| Il-Berdwoċing | paġ 10 |
| Pinġi Pinġi! | paġ 11 |
| X'rat il-kamera | paġ 12 |
| Widnet il-Baħar | paġ 12 |





Working Group Klabb Ħuttaf
Silvana Agius, Jason Aloisio, Isabella Borg, Robert Borg, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon (Ċer), Victor Falzon, Margaret Muscat.

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt l-14-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, taħdidiet, video-shows u anke xogħol ambjentali. Il-Klabb jippublika n-newsletter-magażin "Il-Huttafa" kull xahrejn għall-membri, u jipproduċi ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Il-Klabb għandu wkoll 4 Gruppi Lokali fil-pajjiż. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm1.50 fis-sena.

← *Faċċata ta' Quddiem*

**Gremxula**

(*Podarcis filfolensis* - Maltese Wall Lizard)

Wara xitwa xita nibdew nerġgħu naraw dan l-annimal jitfaċċa mill-ħitan tas-sejjieħ biex jongħos fix-xemx. Il-gremxula ta' Malta hija endemika, jiġifieri ma teżisti mkien iktar ħlief Malta. Il-gremxula mħarsa bil-liġi.

Pubblikazzjoni ta' BirdLife Malta
POBox 498 Valletta CMR 01 Tel 230684/250229 Fax 225665
Materjal mill-magażin Il-Huttafa jista' jiġi kkupjat dment li jissemma' s-sors.
Stampat għand Poulton's Print Shop, April 1996

Aħbarijiet

# PAR FRAS RAS IMB RAS

Il-Fras Servjent (Black-winged Stilt - *Himantopus himantopus*) huwa għasfur tax-xtut li jekk tarah fuq stampa ma temminx li jeżisti! Saqajh twal esaġerati, irqaq esaġerati u ħomor esaġerati!!

Il-Fras mhux għasfur rari fir-riserva ta' l-Għadira. Kull sena jinżlu qatgħat żgħar jirgħu fl-ilma, u jagħtu spettaklu bil-kuluri u bl-eleganza tagħhom. Imma dan l-aħħar deher par minnhom li ġibdu l-attenzjoni sewwa, għax mill-imġiba tagħhom donnhom jixtiequ jbejtu...

Jekk dan iseħħ, ikun rekord ieħor fl-istorja ta' l-għasafar f'Malta: s'issa l-Fras Servjent dejjem kien għasfur tal-passa għal Malta. Qatt ma bejjet.

Sadattant ġewwa l-Għadira kulħadd iżomm in-nifs ħa jara x'jiġri!!!



Desirée Falzon



# Reġa' fil-Mira!

Wara li tana pjaċir bla tarf, tul dawn l-aħħar snin, narawh ibejjet fil-kwiet, bil-frieħ iċafċfu fis-Simar, il-Gallozz Iswed issa reġa' ħa s-sentenza tal-mewt! Minn dis-sena l-kaċċaturi jistgħu jerġgħu joqtluh! U biex ikollhom aktar ċans jagħmlu dan, issa għandhom ukoll 9 ijiem iktar ta' kaċċa f'April!





Hello BirdLife!

Bye Bye MOS!



BirdLife Malta MOS se twaqqa' l-ittri MOS minn isimha. Dawn kienu jfissru Malta Ornithological Society, kelma daqsxejn tqila u twila, anke biex tgħidha! B'danakollu ma jfissirx li l-Għaqda tagħna se tbiddel il-mod kif taħsibha dwar in-natura, dwar l-ambjent, dwar il-kaċċa eċċ. Serrħu raskom, ħbieb! BirdLife Malta xorta għadha l-ikbar u l-eħrex kavallier difensur ta' l-annimali f'Malta. U bis-saħħa tagħkom, ħekk tibqa'!!!

BirdLife MALTA

# Mid-dinja...





## Fejn marret il-Monka?



Il-Monka hija l-unika foka li tgħix fil-Baħar Mediterran. Biex twelled u trabbi l-ferħ tagħha hija tfittex għerien mudlama li jiftħu fuq wiċċ il-baħar. Minn dawn jeżistu kemm trid fil-Mediterran (anke f'Malta hawn skoss), imma xorta waħda l-Monka mhijiex komuni. Is-sajjieda joqtluha għax jgħidu li l-Monka tiekol il-ħut u allura hija l-għadu tal-bniedem! Bħal dak li qallhom il-bniedem biss għandu d-dritt jiekol il-ħut!

Fl-imgħoddi l-Monka (jew Bumerin) kienet tidher spiss fl-ibħra Maltin, imma llum m'għadekx tisma' biha. Il-Monka saret waħda mill-10 mammiferi l-aktar rari fid-dinja...ma fadalx iktar minn 400 b'kollox, u dejjem tonqos. Fil-Mediterran baqa' biss ftit inħawi lejn il-Greċja u t-Turkija fejn dan l-annimal grazzjuż għadu jinstab.

Il-fatt li l-Mediterran huwa l-iktar baħar imniġġes tad-dinja ma jgħinx is-sitwazzjoni lanqas. Jekk tispiċċa l-Monka mill-Mediterran inkunu tlifna ġawhra tassew speċjali min-natura ta' madwarna.



### KOMPETIZZJONI 12

Mimdudin: 2.BIES 3.STURNELL 5.GRAWWA 7.ARPA 9.ZOKK 10.FEKRUNA 11.GALLINA
Weqfin: 1.VENEWWA 2.BORKA 4.TIGRA 6.KOKKA 8.AJKLA
Ir-rebbieħa kienet Suzanne Grima minn Kerċem

# kompetizzjoni

Irranġa l-ismijiet imħawdin ta' l-għasafar (l-ewwel waħda lesta) u bl-ittri xxejdjati tifforma isem ta' għasfur ieħor. X'għasfur hu?
Ibgħat it-tweġiba lil **Kompetizzjoni Il-Ħuttafa 13 BirdLife Malta POBox498 Valletta CMR 01**. Żmien sat-30 ta' Mejju 1996.
Premju: **KTIEB DWAR IN-NATURA.**

Norman Chetcuti

Tinsix: Min iqasqas mill-Ħuttafa niskwalifikawh!

W A R B I N I

B I R W I N A



B

T E S S T U R



M A L B J A R



Ċ A J K O N I



L J U N F I S



V A L U N T U



T A F Ħ U T A



R E X A T T U



# Nittrumbjaw fuq... id-Daqquqa tat-Toppu



Malti: Daqquqa tat-Toppu
Ingliż: Hoopoe
Xjentifiku: *Upupa epops*

**Meta bdejt il-berdwoċing, kont inqalleb fil-kotba nipprova nitgħallem sew l-għamla ta' kull għasfur li jiġi Malta. Meta kont nara l-istampa tad-Daqquqa tat-Toppu, kont nitħawwad - għalkemm sħabi kienu jgħidu li huwa għasfur komuni, bilkemm kont irrid nemmen li f'Malta jiġu għasafar ta' dan it-tip! Imbagħad rajt Daqquqa għall-ewwel darba...u fhimt kemm huwa għasfur verament UNIKU.**

Uniku fl-għamla, uniku fl-ilwien, uniku fl-imġiba. Ftit iżgħar minn ħamiema, tawwali, munqar twil u mgħawweġ, saqajn qosra, lewn ħamrani kulur is-salamun bi strixxi bojod u suwed fuq ġwinħajh qisu "żebra crossing"! U fuq kollox toppu kbir roża, abjad u iswed li jinfetaħ qisu mrewħa...

Għasfur tal-ħolm, imsomma! Anke t-titjira għandu stramba, donnu jaqbeż ma' kull qadfa tal-ġwienaħ. L-għajta, li rari tinstema' Malta, hija: "Uupuupu" - għalhekk bl-Ingliż jissejjaħ Hoopoe.

Id-Daqquqa tat-Toppu tbejjet f'ħafna pajjiżi fl-Ewropa, x'aktarx lejn in-nofsinhar tal-kontinent, u anke fl-Afrika ta' Fuq. Tfittex xi toqba f'siġar xjuħ jew xquq fondi fil-blat, fejn tibni l-bejta. F'Malta qatt ma bejtet, forsi minħabba l-kaċċaturi li bħas-soltu jeqirdu dak kollu li hu sabiħ.

Għalkemm ma tbejjitx, madankollu xorta waħda ngawduha darbtejn fis-sena. Peress li Malta qiegħda fir-rotta bejn l-Afrika u l-Ewropa, l-għasafar jgħaddu minn Malta huma u jpassu. Fir-rebbiegħa d-Daqquqa narawha minn Marzu sa Mejju, l-aktar għall-aħħar ta' Marzu u l-bidu ta' April, meta tkun komuni. Fil-ħarifa tpassi minn Awwissu sa Ottubru, iżda l-aktar lejn l-aħħar t'Awwissu. Fil-ħarifa tidher spiss iżda tkun inqas komuni mir-rebbiegħa.

Nistgħu niltaqgħu mad-Daqquqa kullimkien (anke f'xi ġonna f'nofs il-Belt!), imma tippreferi nħawi bil-blat u ftit siġar imferrxin. L-isbaħ ċans biex tara waħda hija li li tmur mixja ma' l-irdumijiet jew f'xi wied mingħajr kaċċaturi (jekk jeżisti!), l-aħjar fir-rebbiegħa. X'aktarx tittajjar mill-art, fejn tħobb toqgħod tfittex insetti rqaq u xagħat. Hija u tfittex l-ikel, spiss tiftaħ u tagħlaq it-toppu, bħallikieku biex tingħoġob mal-berdwoċer!

Mela aqbdu dik it-tromba u erħulha lejn xi rokna kwieta fil-kampanja. Meta taraw Daqquqa tat-Toppu, tibdew tifhmu għaliex Klabb Ħuttaf jirsisti għall-ħarsien ta' l-għasafar.

**Mark Falzon**


Desirée Falzon

Siġar u blat imferrxin 'l hawn u 'l hemm... ambjent perfett għad-Daqquqa tat-Toppu!




## HAPPY ĦUTTAFA 1

(Silta minn ittra li nqalbet mill-Ingliż)

Għażiż Editur,

Nixtieq nifirħilkom tax-xogħol eċċellenti li qegħdin tagħmlu fil-ħruġ tal-magażin Il-Ħuttafa, li tibagħtulna.

Qabel ma dħalt membru kont qed infittex grupp ieħor biex nidħol magħhom. Dan għaliex kont naħseb li l-MOS huma interessati biss fl-għasafar, u jiena xtaqt għaqda li tinteressa ruħha fl-annimali kollha. Imma mbagħad dħalt fl-MOS u ndunajt li wara kollox hija għaqda għall-ħarsien ta' l-annimali kollha. Indunajt ukoll mill-fatt li l-magażin stess Il-Ħuttafa huwa stampat fuq karta riċiklata. B'dan l-MOS qed tiffranka ħafna tniġġis u anke ssalva ħafna siġar milli jinqatgħu.

J'Alla jgħinkom tkomplu x-xogħol siewi tagħkom.

Kenneth Ellul
St Edward's College

## ANGRY ĦUTTAFA 1

Għażiż Editur,

Darba kont fil-wied tal-Għargħur. U rajt żewġ pitirrossi. Fil-pront dawwart wiċċi lil hemm u rajthom



maqbudin ġo trabokk. Kien fihom ħasra. Trid min jaqbdek lilek? Iva jew le?

Dorothy Borg
Għargħur

Għażiża Dorothy,

Le!

L-Editur

## HAPPY ĦUTTAFA 2

Għażiż Editur,

Qed nikteb din l-ittra żgħira biex nirringrazzjakom tal-gazzetti li jiena qiegħda nirċievi ta' kull xahrejn. Hija tkun interessanti ħafna għax ikun fiha affarijiet dwar in-natura għax jiena nħobbha ħafna n-natura. Inħobb il-fjuri, l-għasafar u l-kampanja. Nixtieq ngħidilkom grazzi ħafna.

Sabrina Żammit
Għargħur



## ANGRY ĦUTTAFA 2

Għażiż Editur,

Nixtieq li l-annimali jħalluhom jgħixu u mhux joqtluhom. L-istess il-pjanti: nara kull pjanta sabiħa, imbagħad ikun hemm xi ħadd joqtolhom.

Jien nixtieq inneħħi dan il-vandaliżmu.



Ritianne
Ħaż-Żebbuġ

## IKTBU LIL

Editur Il-Ħuttafa
Klabb Ħuttaf
Birdlife Malta
POBox 498
Valletta CMR 01



## wildlink

Għal tagħrif dwar annimali jew pjanti Maltin, iktbu lil **Robert Borg - Wildlink • Klabb Ħuttaf • BirdLife Malta • POBox498 • Valletta CMR 01.**

Biex Robert iwieġibkom direttament, ma' l-ittra tagħkom inkludu envelope bl-indirizz tagħkom u bolla ta' 5ċ.

Xi membri jiktbu biex jistaqsu kif ma ġibnilhomx l-istampi li bagħtulna. Lil dawn il-Ħuttaf nixtiquhom iserrħu rashom għax malli jmiss lilhom inġibuhomlhom. Imma kulħadd irid iżomm il-**kju!!**

# ART GALLERY

Uża karta bajda. Tużax kartonċin u tpinġix bil-kulur
Ibgħat ukoll ismek, l-età u isem l-annimal jew pjanta

Garnija



Alistair Corser (13)

Kuluvert



Cheryll Ann Vella (8)

## poeżija

***Hunting - No Mercy!***

*Why should you hunt?*
*Can't you chant?*
*What can you grant*
*To the poor animal?*
*To turn the world to a dull*
*One!*
*Aren't you learning none?*
*Destroying its life*
*It can't take a dive*
*There it goes chased*
*Tired and dazed*
*For what reason*
*Can't you reason?*
*Why aim*
*And pull the trigger?*
*Are you insane?*
*Why not want a world bigger?*
*Why not face the sun?*
*And throw away the gun?*
*Destroy and kill*
*At your own will*
*Don't you know it's a sin?*
*And above your glory*
*And din*
*It's a horrible story!!*

*Kristel Jo Camilleri*

Joanne Trevisan (8)

Friefet!



## Is-Seber ta'
# Kemmuna



- *Bħal kull sena f'dan iż-żmien tibda tiġbidna l-gżira kwieta ta' Kemmuna.*
- *Kemmuna hija santwarju, jiġifieri fuqha l-għasafar m'għandhomx isibu min itellifhom.*
- *Bħas-soltu aħna ta' Klabb Huttaf se nagħmlu ħarġa - anzi żewġ ħarġiet - biex ingawdu ftit mill-ġmiel naturali ta' dal-post.*
- *Tonqsux, u ħajru lill-ġenituri jiġu magħkom ukoll!*

Ħarġa A: **Is-Sibt 20 ta' April**
Ħarġa B: **Is-Sibt 27 ta' April**
Prezz: **Lm2**
Aktar dettalji lil min jibbukkja

Biex tattendu tridu tibbukkjaw bit-telefon (230684/250229) mhux aktar tard mit-18 ta' April. Tajjeb imma li taħsbu kmieni biex iċċemplu, għax il-lanċa tieħu numru limitat. Tibagħtux flus.



kuda



berwieq

**Ġibu magħkom:**
- tromba jekk għandkom
- gwida għat-tajr jekk għandkom
- nowtbuk u lapes
- x'tieklu u x'tixorbu
- xi ħaġa għal raskom
- basket tad-daħar

Kif inkunu hemm inżuru r-riserva l-ġdida li BirdLife Malta qiegħda tiżviluppa f'post magħruf bħala Wied l-Aħmar.



Tfal taħt it-8 snin irid jiġi xi ħadd kbir magħhom.

N A T U R A L M E N T

# ĦĠIEĠ JEW ĦMIEĠ



Sa ftit snin ilu, il-luminati u l-birer, il-ħalib, l-ilma u l-meraq tal-frott kienu jinbiegħu fi fliexken tal-ħġieġ biss. Illum qed jinxtraw ukoll fil-pakketti tal-kartun, laned jew fliexken tal-plastik.

Xi wħud jaħsbu li dan huwa progress. Ħafna jsibuhom komdi għax jippreferu jarmu milli jieħdu l-fliexken vojta lura għand tal-ħanut. U pajjiżna, li qatt ma kien xempju ta' l-indafa, ikompli jitħammeġ ma' kull reċipjent li jintrema'.

Il-ħmieġ ikerraħ kullimkien, iżda l-akbar ħsara ssir fil-kampanja. Ħafna ħlejjaq żgħar bħal bebbux, nannakol u ħnieżer l-art jidħlu jistkennu jew jorqdu fil-fliexken jew laned mormijin. Il-biċċa l-kbira jispiċċaw biex imutu fihom għax ma jkunux jistgħu joħorġu.

Mhix ħaġa diffiċli li aħna ngħinu ħalli dil-ħsara ma tibqax issir. Meta mmorru nixtru għandna nagħżlu prodotti bbotiljati fi fliexken tal-ħġieġ: b'hekk inkunu nistgħu nirritornawhom u niffrankaw mill-muntanja orribli ta' skart li dejjem tikber fil-miżbliet. Għandna wkoll inħeġġu lill-ġenituri jagħmlu bħalna, billi nagħtuhom l-eżempju aħna stess!

**Jason Aloisio**

# Naxxar

## *Harġa għar-riserva naturali ta' l-Għadira*



Jason Aloisio

# H'Attard

## *Taħdita bi slajds dwar il-kura ta' għasafar feruti*



Agnes Scicluna

**GRAZZI** F'isem il-Grupp Lokali tan-Naxxar, Klabb Ħuttaf jixtieq jirringrazzja lill-University Residence talli qegħdin jisponsorjaw iċ-ċirkolari tal-Grupp.

## GRUPPI LOKALI

Ħ'ATTARD
Leaders: Isabella Borg, Grace Camilleri, Graziella Fenech, Marija Fenech, Joanne Scerri, Agnes Scicluna (ko-ord), Silvio Scicluna (ko-ord).
MSIDA/TA' XBIEX
Leaders: Michelle Borg (ko-ord), Robert Borg (ko-ord), Marisa Grech.
NAXXAR
Leaders: Jason Aloisio (ko-ord), Anita Bezzina, Mark Falzon (ko-ord), Caldon Mercieca, Konrad Pizzuto, Justin Vassallo.
RABAT
Leaders: Silvana Agius, Audrey Chetcuti (ko-ord), Norman Chetcuti (ko-ord), Angéle Pulis.



# il-Berdwoċing

Audrey Chetcuti



**Flok is-soltu intervista, did-darba ser nurikom kif issiru berdwoċers tajbin. Issa li bdiet ir-rebbiegħa, in-numru ta' għasafar ma jonqosx żgur fil-kampanja, anzi jżid.**




## X'għandi bżonn?

**Tromba.** Tridha, xbin! Jekk għadek se tibda, l-aħjar li tixtri tromba żgħira u ħafifa. Fuq it-tromba ssib tabella b'żewġ numri, per eżempju 10x25. In-numru 10 jfisser li t-tromba tkabbar għaxar darbiet. In-numru 25 huwa l-wisa' tal-lenti ta' barra, u aktar ma jkun kbir dan in-numru, aktar ikun jidħol dawl. Nagħtik parir li tibda bi tromba 8x40 jew 10x50. Tmurx għal tromba li tkabbar wisq, għax ma jirnexxilekx iżżommha soda, tibda tiċċaqlaqlek int u tittawwal minnha u ma tagħraf xejn.
**Gwida għat-Tajr.** Ktieb li jurik bil-kulur stampi ta' l-għasafar kollha li tista' tara. Dan jgħinek ħafna biex tagħraf x'inhu l-għasfur. Aħjar ktieb bil-qoxra ratba biex ma jkunx tqil u tkun tista' terfgħu fejn trid. Qis li qabel toħroġ berdwoċing tistudjah sew! Innota l-kobor u d-differenza fil-munqar u fid-denb ta' kull għasfur. Tinkwetax bil-kwantità, b'daqsxejn esperjenza l-għasafar tidrahom malajr.
Kultant tisma' l-għasfur qabel ma tarah. Mela aqra sew xi jgħidiek ukoll dwar l-għana tagħhom.

## X'nilbes?





Wieħed mill-iżbalji li nagħmlu meta noħorġu fil-kampanja huwa li nilbsu kuluri jgħajtu bħall-aħmar, oranġjo u isfar. L-għasafar għandhom vista tajba ħafna u jaraw bil-kulur. Kuluri li mhumiex naturali għalihom ibeżżgħuhom. Mela għall-berdwoċing ilbes kuluri mitfijin, bħall-aħdar, kannella u iswed.
Żball ieħor huwa li ma nilbsux biżżejjed ħwejjeġ. Għall-berdwoċing trid il-paċenzja, u jekk tkun ġurnata interessanti taf tibqa' barra ġurnata sħiħa! Ilbes bis-saffi, ħalli tkun tista' tinża' ta' fuq jekk il-jum jisħon, u terġa' tilbes jekk jiffriska. Fi ġranet imsaħħbin dejjem ġorr rejnkowt.

## X'ħin noħroġ?

L-aħjar ħin li toħroġ berdwoċing huwa filgħodu kmieni, iva bejn is-6.00am u d-9.00am! Veru li kmieni, imma dak huwa l-ħin meta l-għasafar ikunu għadhom kif qamu u jibdew iħufu 'l hawn u 'l hemm għall-ewwel ikla tal-ġurnata. Jekk tmur aktar tard xorta waħda tara għasafar, tafx, imma jista' jkun li l-għasafar ikunu iktar kwieti, speċjalment fil-ħinijiet l-aktar sħan tal-ġurnata.

## Fejn immur?

L-għasafar issibhom f'ħafna ambjenti, imma forsi l-aktar li joffri varjetà huwa l-bosk. Għalhekk, ipprova sib post bis-siġar, bħall-Buskett. Ix-xagħri huwa wkoll ambjent interessanti, anzi iktar faċli, għax miftuħ. Ippruva postijiet bħal Ras il-Pellegrin u l-Wardija. Kemmuna, per eżempju, hija medda xagħri minn ponta sa ponta!





BirdLife

Membri Falko (it-taqsima żgħażagħ ta' BirdLife) bilqiegħda fuq ix-xagħra tal-Buskett jittrumbjaw lejn tajr tal-priża waqt il-passa ta' Settembru. Innutaw li għandhom ukoll teleskopju. It-teleskopju jqarreb iktar minn tromba, imma biex tużah irid ikollok tripied, inkella ma żżommux sod.

# X'nagħmel?

Imxi bilmod u żomm il-kwiet. Tajjeb li ma tkunx waħdek, għax aktar għajnejn! Imma jekk trid titkellem, agħmel hekk minn taħt l-ilsien.

Meta tisma' xi tisfira ersaq fid-direzzjoni li tkun smajtha, ieqaf u ttrombja. Tistenniex dejjem li tara l-għasfur l-ewwel, għax jaf ikun ftit moħbi u bla tromba ma tarahx.

Jekk tilmaħ bejta tersaqx lejha, imma oqgħod bil-paċenzja, fil-kwiet u bla ċaqliq ftit 'il bogħod, u għandek ma ddumx ma tara l-ġenituri ġejjin bl-ikel biex iżoqqu l-frieħ.

# X'niekol?

Tantx iġġorr ikel miegħek għax itaqqlek.
Ħu miegħek l-aktar frott, ilma u forsi xi kisra ħobż.

Audrey

Naħseb li għidtilkom mhux ħażin dwar il-berdwoċing. Nispera li tippruvaw. Jekk ikollkom xi diffikultà fuq xi ħaġa li għidt, iktbuli ħalli nara kif ser insolvihielkom.






## x'rat il-kamera



# Tiskanta kultant in-nies x'jiżirgħu fl-għelieqi!




**Newsletter**

# Għalik b'xejn




Il-Ktieb Il-Passa ta' l-Għasafar ikun tiegħek b'xejn jekk iddaħħal membru ġdid fi Klabb Ħuttaf. Imla l-formola t'hawn taħt u ibgħathielna flimkien mal-miżata tal-membru ġdid li ddaħħal. Tinsix id-dettalji tiegħek!

## IRNEXXIELI

Dettalji tal-membru l-ġdid

Isem: ____________________

Indirizz: ____________________

____________________

Tel: __________ Data tat-twelid: __________

Dettalji tiegħi

Isem: ____________________



Member's number

Ma' dil-formola qed nibgħat ċekk/postal order/bolli mhux użati b'valur ta' Lm1.50

Ibgħatha lil: Daħħal Membru Ġdid • Klabb Ħuttaf • BirdLife Malta • POBox498 Valletta CMR01